# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 768/2015/LSO**

**Joseph (I.D. 779344M) u Margaret (I.D. 189345M) konjugi Grech**

**vs**

**Paola *sive* Pauline Camilleri (I.D. 104633M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph u Margaret konjugi Grech datat 11 ta' Awwissu 2015 fejn Joseph Grech bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru 150, Jasmine, Triq Brighella, Hamrun, filwaqt li l-intimata hi l-proprjetarja u ghandha fil-pussess taghha l-fond adjacenti bin-numru 151, fl-istess Triq Brighella, Hamrun;

Illi z-zewg fondi hawn fuq imsemmija ghandhom bitha fil-parti retrostanti ta' kull fond, liema btiehi huma divizi permezz ta' hajt divizorju komuni;

Illi fil-bitha tal-fond tal-intimata hemm hawt jew *planter* li jinsab mal-hajt divizorju komuni fuq imsemmi, liema hawt jew *planter* imur kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 419(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma hemm l-ebda qatran jew *membrane* imqieghed sabiex jipprotegu l-istess hajt mill-effetti tal-hamrija umda fil-hawt jew *planter* u ghalhekk l-intimata qed tikser id-dispozizzjonijiet tal-istess Artikolu 419(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi in oltre, fl-imsemmi hawt jew *planter* l-intimata hawlet diversi sigar bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 437(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu dawn huma mhawla f' boghod ta' anqas minn zewg metri u erbghin centimetru (2.40m) mil-linja divizorja bejn il-fondi rispettivi tal-partijiet;

Illi dan kollu jirrizulta *inter alia* mir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela, in atti tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Paola Camilleri,* fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali, kopja hawn annessa bhal Dok. A;

Illi *nonostante* li giet interpellata sabiex tnehhi u tizgombra l-imsemmija sigar u hawt jew *planter* mill-bitha tal-fond taghha, l-intimata baqghet inadempjenti;

Illi r-rikorrent Joseph Grech jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-hawt jew *planter* fil-bitha tal-fond tal-intimata li jinsab mal-hajt divizorju komuni bejn il-btiehi tal-partijiet imur kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 419(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigar mhawla fl-istess hawt jew *planter* li jinsab fil-bitha tal-fond tal-intimata huma bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 437(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Konsegwentement, tikkundanna u tordna lill-intimata tnehhi u tizgombra l-imsemmija sigar u hawt jew *planter* mill-bitha tal-fond taghha a spejjez taghha u tiffissa terminu qasir u perentorju ghall-istess, okkorrendo bl-opera u

supervizjoni ta' periti nominandi, u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu l-istess xoghlijiet a spejjez tal-intimata.

Bl-imghax u bl-ispejjez a karigu tal-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

Rat li minkejja li l-intimata giet notifikata bir-rikors u bid-dokumenti fl-24 ta' Settembru 2015 baqghet ma pprezentata l-ebda risposta, u dan kif jidher *a tergo* ta' fol 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma it-Tlieta 3 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Ian Vella Galea ghall-atturi, l-attur prezenti. Dr Ian Vella Galea prezenta nota bl-affidavit tar-rikorrent. Il-konvenuta msejha tliet darbiet ma dehritx. Il-konvenuta irrizultat li hija kontumaci. Il-kawza giet posposta sabiex jidher il-Perit Godwin Abela biex jahlef ir-rapport esebit in atti. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr Ian Vella Galea u l-Perit Tekniku Godwin Abela li halef ir-rapport esebit a fol 4 *et seq*. tal-process. Xehed bil-gurament tieghu l-PT Godwin Abela, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Vella Galea ddikjara li m'ghandux aktar provi xi jressaq. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fil-5 ta' Novembru 2015 fejn :

***"Il-Qorti,***

*Billi l-konvenuta hija kontumaci u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2015.*

*Tawtorizza lill-konvenuta sabiex tressaq is-sottomissjonijiet taghha b'nota fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tan-notifika ta' dan id-Digriet u l-atturi jkollhom hmistax-il (15) jum mid-data tan-notifika tan-nota tal-konvenuta biex iressqu nota risponsiva.*

*Tordna lir-rikorrenti sabiex jinnotifikaw lill-konvenut bid-digriet odjern."*

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata fil-11 ta' Novembru 2015 izda baqghet ma pprezentatx nota ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru 2015 fejn billi l-Qorti kienet impenjata fuq xoghol iehor, din il-kawza giet differita ghall-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m. ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ta' zewg proprjetarji ta' fondi adjacenti. L-atturi qed jipprocedu f' dan il-kaz sabiex il-konvenuta tnehhi

hawt fil-bitha adjacenti li ma fih l-ebda qatran jew *membrane* taghha kif ukoll sigar impjantati f'dan il-hawt *stante* li dan sar kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi fil-Kap 16.

L-atturi huma proprjetarji tal-fond bin-numru 150, Triq Brighella Hamrun u l-konvenuta hija proprjetarja tal-fond bin-numru 151 fi Triq Brighella Hamrun.

**Rapport tal-Perit Tekniku A. & C.E.Godwin P.Abela**

Illi gie esebit ir-rapport tal-perit tekniku li kien nominat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali, fil-kaz "Il-Pulizija vs Paola Camilleri". Il-Perit irrediga r-rapport tieghu wara access mizmum fuq is-sit in kwistjoni.(fol 4-7).

Il-Perit ikkonkluda li l-hawt jinsab mal-hajt divizorju, u peress li m'hemmx qatran jew membrane mal-qiegh u mal-hajt divizorju biex jipprotegi l-istess hajt mill-effetti tal-hamrija umda, dan imur kontra **l-artikolu 419 (c) tal-Kodici Civili.** Ikkonkluda wkoll li s-sigar li hemm fil-hawt imorru kontra d-dispozizzjoni tal-ligi **fl-artikolu 437(1) tal-Kodici Civili** peress li jinsabu mwahhlin f'distanza inqas minn dik ta' zewg metri u erbghin centimetru (2.40m.) Gie konkjuz li ghalkemm m'hemmx danni kkawzati jew periklu imminenti fil-prezent, izda, l-hawt u s-sigar ta' mal-hajt divizorju imorru kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi.

## Provi prodotti

**Joseph Grech** xehed permezz ta' affidavit (fol 18-19), li hu proprjetarju tal-fond 150, Triq Brighella Hamrun, u ilu jirrisjedi f'dan il-fond mill-1971. Semma li madwar tlettax-il sena ilu, l-konvenuta ghamlet hawt fil-bitha fil-proprjeta taghha adjacenti ma' tieghu u hawlet sigar fih, mhux skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi. Qal li dan fil-fatt jirrizulta mir-rapport tal-Perit Abela esebit, u kien anke kitbilha ittra legali sabiex tnehhi dawn l-illegalitajiet, fejn hi irrispondiet lura *tramite* l-avukat taghha. (fol 20).

**Il-Perit Godwin Abela** (fol 22- 23[1]) xehed u qal li ma kienx hemm periklu imminenti fil-hajt izda l-hawt kien imur kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi. Huwa kkonferma anke wara li rega' ra r-rapport li m'hemmx qatran jew membrane fil-hawt in kwistjoni.

## Konsiderazzjonijiet Legali

Illi jigi kkonsidrat li *stante* li l-hajt bejn iz-zewg fondi tal-partijiet f'din il-kawza, u cjoe` l-hajt ta' fejn hemm il-kontestazzjoni odjerna li jifred iz-zewg fondi fil-btiehi retrostanti, huwa hajt divizorju komuni japplikaw l-artikoli 410 *et sequitur* tal-Kodici Civili. L-artikolu 410 jitkellem dwar hajt komuni. Izda, l-atturi ccitaw l-artikolu 419 (c) fir-rigward tal-hawt u l-artikolu 437(1) fir-rigward tas-sigar.

---

[1] Seduta tat-3 ta' Novembru 2015

Ikkonsidrat li l**-artikolu 419 (c) tal-Kodici Civili** jiddisponi li ebda wiehed mill-girien ma jista':

"iqieghed demel jew hwejjeg ohra korruzivi jew niedja b'mod li jmiss mal-hajt komuni".

U skont **l-artikolu 437 (1) tal-Kodici Civili** :

"*Hadd ma jista' jhawwel fil-fond tieghu sigar ta' zokk gholi f'boghod ta' anqas minn zewg metri u erbghin centimetru, jew sigar ohra f'boghod ta' anqas minn metru u ghoxrin centimetru, mil-linja li taqsam il-fond tieghu mil-fond tal-gar*."

Dawn l-artikoli jikkontemplaw agir abbuziv da parti tal-gar li jista' jagixxi b'mod li jqieghed hwejjeg niedja li jistghu jikkawzaw hsara fil-hajt komuni.

Jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata bir-rikors fl-4 ta' Settembru 2015 (fol 12-14) izda hija kontumaci. Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm il-konvenuta Paola sive Pauline Camilleri hi kontumaci dan ma jfissirx li l-attur m'ghandux jipprova l-kaz tieghu. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"**

– PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Ghalhekk, jinkombi fuq l-atturi li jipprovaw il-kaz taghhom. Huma pprezentaw ir-rapport tal-Perit Tekniku li kien nominat fil-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati Dok A (fol 4-7). Dan ir-rapport gie kkonfermat fl-intier tieghu fix-xhieda tal-istess Perit *viva voce* quddiem din il-Qorti.

Illi l-atturi qaghdu fuq il-konkluzjonijiet tal-perit Tekniku nominat fil-kaz surreferit, u ma talbux nomina ta' Perit Tekniku fil-kaz odjern. Esebew ukoll, kopja ta' ittra legali mibghuta lill-konvenuta. (Dok B (fol 8). *In vista* ta' dawn il-provi, u f'din il-materja teknika, il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex tadotta u taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet, u konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku A.& C.E. Godwin Abela fir-rapport tieghu surreferit. Minnkejja li f'dan il-kaz ma kienx nominat bhala perit taghha, huwa fatt li r-rapport li rrediga sar fil-kuntest ta' proceduri gudizzjarji u f'qadi ta' dmirijietu bhala espert tal-Qorti f'dawk il-proceduri.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici bhala gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi li tilqa' t-talbiet tal-atturi u cioe`:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba** tal-atturi u tiddikjara li l-hawt mal-hajt divizorju komuni bejn il-btiehi tal-partijiet imur kontra **l-artikolu 419 (c) tal-Kodici Civili.**

2. **Tilqa' t-tieni talba** tal-atturi u tiddikjara li s-sigar imhawla fl-istess hawt imorru kontra d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 437(1) tal-Kodici Civili**.

3. **Tilqa' t-tielet talba** tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien perentorju ta' xahar mill-prezenti, a spejjez taghha taghmel ix-xoghlijiet mehtiega biex tnehhi l-imsemmi hawt u sigar impjantati fih. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex f'kaz li ma jisirux ix-xoghlijiet hekk ordnati fiz-zmien moghti, jaghmlu huma dawn ix-xoghlijiet a spejjez tal-istess konvenuta. Il-Qorti tinnomina lill-**Perit Tekniku Amber Wismayer** sabiex tissorvelja x-xoghlijiet f'kaz li dawn isiru mir-rikorrenti, u dan a spejjez tal-istess intimata.

**L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Jannar 2016**